**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 122/18 NL**

**Calamatta Cuschieri Investment Services Limited (C13729)**

**vs**

**Alex Azzopardi u Maria Elena Azzopardi**

Illum l-4 ta' Mejju 2021

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tar-rikorrenti ppresentat nhar il 21 ta' Mejju 2018 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati s-segwenti:

*… li prevja kull dikjarazzjoni necessarja skond il-ligi, thallsu u tirrifondu lir-rikorrenti l-ammont ta' hamest elef sitt mija tlieta u tmenin Euro (€ 5,683), li ai termini tar-relazzjonijiet kontrattwali professjonali ta' bejn intkom u r-rikorrenti u l-istatement ta'*

*transazzjonijiet relattiv, intkom mintkomx intitolati ghalih u m'ghandkomx id-dritt izzommu. Intkom zammejtu u/jew dawwartu l-fuq imsemmi ammont ghalikom infuskom indebitament minghajr ma kellkom ebda dritt li taghmlu dan. Minkejja li gejtu debitament interpellati, inkluz permezz tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2017 (numru 2483/2017) inthom bqajtu inadempjenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Dicembru 2017 (2483/2017), u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimati li jibqghu minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni, u b'riserva li r-rikorrenti tipprocedi bil-kwerela kriminali kontra l-intimati skond il-ligi.*

Rat ir-risposta ta' Alexander Azzopardi et fejn eccepixxa s-segwenti eccezzjonijiet[1]:

1. *Illi preliminarjament ghanda ssir korrezzjoni tal-okkju surreferit u dan peress illi l-esponenti Alexander Azzopardi huwa ndikat bhala Alex Azzopardi u ghalhekk jehtieg li ssir din il-korrezjoni ghal integrita tal-gudizzju.*

2. *Illi in linea preliminari ukoll it-talba attrici hija wahda preskritta bi trapass tas-sentejn impost mil-artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi s-socjeta attrici kienet ben konxja tal-allegat zball kif jirrizulta mil-korrispondenza fil-forma ta' email mibghuta min Kirsten Ancilleri (Private Client Advisor) tas-socjeta attrici datata 17 ta' Ottubru 2014.*

3. *Illi in linea preliminari ukoll u f'kaz li t-tieni eccezzjoni ma tigix milqugha it-talba attrici hija ukoll preskritta bid-dekors ta' hames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

[1] Folio 32-33 ta' l-atti processwali

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici ghanda tigi michuda min din l-Onorabbli Qorti u dan peress illi l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici ma huiex dovut u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

5. *Salv Eccezzjonijiet Ulterjuri*

   *Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.*

Rat illi waqt l-udjenza tal-24 ta' Ottubru 2018, din il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li nnutat li l-intimati qajjmu zewg eccezzjonijiet preliminari, ordnat li ssir l-inverzjoni tal-provi.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat illi waqt udjenza tad-9 ta' April 2019, l-intimati iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi xi jressqu.[3]

Rat illi waqt l-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2020 is-socjeta' rikorrenti iddikjarat li m'ghandhiex aktar provi xi tressaq u l-partijiet iddikjaraw il-provi maghluqa.[4]

Rat in-nota t'osservazzjonijiet ta' l-intimati datat is-26 ta' Novembru 2020.[5]

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tas-socjeta rikorrenti data it-22 ta' Dicembru 2020.[6]

---

[2] Folio 104 ta' l-atti processwali
[3] Folio 44 ta' l-atti processwali
[4] Folio 109 ta' l-atti processwali
[5] Folio 114-118 / 119-123 ta' l-atti processwali
[6] Folio 124-131 ta' l-atti processwali

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta' Alexander Azzopardi, l-intimat fil-kawza, moghtija nhar id-9 ta' April 2019 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita[7] u semghet il-kontro ezami tieghu moghtija nhar il-25 ta' Gunju 2019.

Semghet ix-xhieda ta' Kerstin Ancilleri, Financial Advisor ta' Calamatta Cuschieri Limited prodotta mill-intimati, moghtija nhar id-9 ta' April 2019.

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici nhar il-25 ta' Gunju 2019.[8]

Semghet ix-xhieda ta' Maria Helena Azzopardi, l-intimata, moghtija nhar il-25 ta' Gunju 2019.[9]

[7] Dok AA1, Folio 49 ta' l-atti processwali
[8] Dok CC1-CC5, Folio 60-72 ta' l-atti processwali
[9] Folio 73-74 ta' l-atti processwali

Semghet ix-xhieda ta' Malcolm Buttigieg, rapprezentant tal-Bank of Valletta, prodott mis-socjeta' rikorrenti, moghtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebit.[10]

Semghet ix-xhieda ta' Alex Cuschieri, Chairman u Direttur tas-socjeta' rikorrenti, prodotta mir-rikorrenti, moghtija nhar it-22 ta' Ottubru 2019 u nhar is-26 ta' Ottubru 2020, kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebit.[11]

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta, u dan minghajr ma huwa kontestat bejn il-partijiet, illi l-konjugi Azzopardi ircevew hlas darbtejn minghand ir-rikorrenti.

L-ewwel darba ircevew hlas b'zewg cekkijiet li ssarfu f'Jannar u Mejju tas-sena 2014 u darb' ohra b'cekk wiehed li ssaraf f'Settembru tas-sena 2013.

Il-kontendenti jaqblu wkoll li bejniethom kien gie ffirmat kuntratt. Madankollu m'hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk it-tieni darba li l-intimati ircevew is-somma ta' sitt elef u erbatax-il dollaru Amerikan u erba' u tletin centezmu ($6,614.34) dan sarx meta marru jitolbu l-hlas huma stess fl-ufficju tar-rikorrenti jew intbaghtilhomx b'cekk bil-posta d-dar.

Ghall-finijiet ta' din is-sentenza, il-Qorti tqis li dan il-punt ftit li xejn ghandu piz ghad-determinazzjoni taz-zewg eccezzjonijiet preliminari in ezami.

**Ikkunsidrat**

[10] Dok MB1 – MB3, Folio 82-84 ta' l-atti processwali
[11] Dok CA1, Folio 89-102 ta' l-atti processwali

**L-eccezzjoni preliminari a tenur ta' l-artikolu 1027 tal-Kodici Civili**

Permezz tat-tieni eccezzjoni fir-risposta taghhom, l-intimati eccepew illi t-talba tas-socjeta attrici hija preskritta bit-trapass ta' sentejn skond l-artikolu 1027 ta-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jghid hekk:

*L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.*

L-eccezzjoni mqanqla mill-intimati hija dik referibbli ghall-istitut tal-*indebiti solutio*. L-intimati ghalhekk qed jghidu li, f'dan ir-rigward, jezisti dak li nsejhulu kwazi-kuntratt.

L-artikolu 1021 tal-Kodici Civili jghid li "*[k]ull min jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irciviha bla jedd*".

Kif jghid il-Professur Dottor Victor Caruana Galizia fil-gabra "*Notes on Civil Law*", sabiex ikunu jissussistu l-elementi tal-indebiti solutio, min ikun effettwa l-hlas irid ikun fi stat ta' zball, liema zball jista' jkun *indebitum ex re*, ossija fejn ma tezisti ebda obbligazzjoni, *indebitum ex persona solventis*, ossija li min jeffettwa l-hlas ma jkunx id-debitur, jew inkella *indebitum ex persona accipientis,* u cioe' li min jircievi l-hlas, ma jkunx il-kreditur.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **Anton Azopardi et noe vs Lawrence Ciantar noe et** dik il-Qorti tghid hekk "*il-ligi taghti l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq, izda ukoll meta ghalkemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas izzejjed milli kien misthoqq, u jekk jigri hekk, min thallas jista' fittex ghar-radd taz-zejjed imhallas. Biex ir-radd tal-hlas mhux misthoqq jista' jintalab bil-jedd, jehtieg li dak il-hlas ikun sar bi zball u dan l-izball kien di fatto. L-izball di diritto ma jservix biex jintalab bil-jedd dak imradd*".

Mill-gdid, il-Qrati taghna rritenew illi "*per farsi luogo alla ripetizione dell'indebito è indispensabile l'errore di chi pago*" (**Vol. IX, pagna 415**) u inoltre, "*l'azione dell'indebito non è ammissibile quanto il pagante nell'atto di pagamento sapeva che l'ammontare pagato non era affetto dovuto*" (**Vol. XVIII, pt. III, p.146**).

Issa f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-allegazzjoni tas-socjeta' rikorrenti hija li l-hlas sar indebitament u li ghalhekk l-intimati ghandhom irodduh lura. L-intimati jghidu li s-socjeta' rikorrenti ilha taf b'dan l-izball mill-inqas mis-17 ta' Ottubru 2014. Hemm qbil ukoll li l-ewwel darba li sar att gudizzjarju da parti tas-socjeta' rikorrenti kien fis-6 ta' Dicembru 2017, bl-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan l-att, l-intimati wiegbu b'nota responsiva fl-20 ta' Dicembru 2017.

L-abbli difensur tal-intimati, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, jirrileva illi fl-ittra ufficjali ezekuttiva, is-socjeta' rikorrenti dikjaratament tghid li hija qed titlob rifuzjoni ta' ammont imhallas lill-intimati "*bi zball*". Ghalkemm hadd mill-partijiet ma pprezenta kopja ta' din l-ittra ufficjali, din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex tiddubita li verament hekk intqal, anke peress li, mill-provi, jirrizulta li effettivament, *dak* huwa dak li qed titlob is-socjeta' rikorrenti.

Il-punt guridiku li l-kontendenti ma jaqblux dwaru huwa li naha minnhom qed tghid li la darba l-istitut applikabbli huwa dak tal-*indebiti solutio*, l-azzjoni hija preskritta bit-trapass ta' sentejn minn meta nkixef l-izball, filwaqt li s-socjeta' rikorrenti ssostni li hija qed titlob rifuzjoni ta' dawn l-ammont b'ezekuzzjonijiet tal-kundizzjonijiet kuntrattwali ta' bejn il-partijiet, u ghalhekk, huwa t-terminu preskrittiv kwinkennali li ghandu japplika.

Li kieku l-azzjoni hija wahda taht il-kappa tal-*indebiti solutio*, jirrizulta *icto oculi* li t-terminu ta' sentejn ghadda. Madankollu, l-abbli difensur tas-socjeta' rikorrenti jsostni li l-azzjoni tentata mhijiex wahda *indebiti solutio*, izda hija wahda ghall-infurzar ta' obbligazzjoni kuntrattwali.

Dan l-argument huwa msejjes fuq il-kuntratt ta' bejn il-kontendenti datat 12 ta' Settembru 2013[12]. F'pagna 10 ta' dan il-kuntratt (fol. 69) jirrizulta li l-intimati iffirmaw l-accettazzjoni taghhom ghat-termini u l-kundizzjonijiet tas-socjeta' rikorrenti li jinsabu ezebiti fl-atti ta' din il-kawza bhala Dok. CA1[13]. Il-verzjoni ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet hija indikata bhala Jannar 2012[14] u huma, ghalhekk, antecedenti ghall-kuntrattazzjoni ta' bejn il-partijiet. L-intimati ma jikkontestawx l-applikabbilita' o meno ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet, u lanqas ma jikkontestaw jekk kienux proprju *dawn* it-termini u kundizzjonijiet li kienu veljanti fiz-zmien tal-kuntrattazzjoni. Din il-Qorti m'ghandhiex ghalxiex tiddubita, ghalhekk, anke a bazi tax-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti, li effettivament, meta l-intimati accettaw it-termini u l-kundizzjonijiet f'pagna 10 tal-kuntratt bil-firma taghhom, huma kienu qeghdin jaccettaw u konsegwentement jintrabtu bit-termini u l-kundizzjonijiet prezentati bhala Dok. CA1 a fol. 89-102 tal-process.

[12] Dok. CC1 a fol. 60-69 tal-process
[13] Fol.89-102 tal-process
[14] Fol. 102 tal-process

Is-socjeta' rikorrenti tkompli tissottometti li f'pagna 8 ta' dawn it-termini u kundizzjonijiet (li ghalhekk jiffurmaw parti integrali mill-kuntratt ta' bejn il-partijiet) tinsab obbligazzjoni espressa assunta mill-klijenti tas-socjeta' rikorrenti – f'dan il-kaz, l-intimati – li f'kaz ta' hlas zejjed, jobbligaw ruhhom li jhallsu lura dawk l-ammont hekk imhallsa zejda.

Huwa principju assodat fil-gurisprudenza nostrana, kif ben tghid is-socjeta' rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, illi huma l-premessi u t-talbiet kif dedotti fir-rikors promotur li jiddeterminaw x'inhi l-azzjoni. F'kelma ohra, huwa l-attur stess li jerfa' r-responsabbilita' ta' x'tip ta' azzjoni huwa sejjes, u konsegwentement, ghal-liema perjodu preskrittiv ikun issottometta ruhu b'dik it-tip ta' azzjoni. Huwa ghalhekk l-attur, bil-premessi u t-talbiet tieghu, li jiddeciedi x'tip ta' azzjoni huwa ser iressaq, u konsegwentement, huwa l-istess attur li jkun qieghed, per konsegwenza, jaghzel it-terminu preskrittiv applikabbli ghal dik l-azzjoni. Naturalment, huwa l-intimat imbaghad, gjaladarba jeccepixxi l-preskrizzjoni, li ghandu jipprova li ddekorra dak it-terminu preskrittiv, u mbaghad sta ghall-attur li jxejjen l-allegazzjoni tal-konvenut, jew li jgib il-prova li l-preskrizzjoni kienet giet sospiza jew interrotta b'xi wiehed jew aktar mill-modijiet kontemplati fil-ligi.

A skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tabbraccja l-insejament fis-sentenza **Alexander Gray Bannerman et vs John Camilleri et** fejn jinghad proprju illi "huma l-premessi ta' l-atturi fic-citazzjoni u t-talbiet taghhom li jiddeterminaw il-parametri ta' l-azzjoni u li konsegwentement huma dawn illi jiddefinixxu u jiddeterminaw liema perjodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni kellu japplika ".

Naturalment, il-Qrati mbaghad ghandhom il-funzjoni li jissindikaw li t-tip ta' azzjoni jew in-natura taghha hija verament dik dikjarata mill-attur. Issa f'dan

il-kaz, fl-avviz promotur, is-socjeta' rikorrenti tghid titlob hekk "*thallsu u tirrifondu lir-rikorrenti l-ammont ta' hamest elef sitt mija tlieta u tmenin Euro (€ 5,683), li* ***ai termini tar-relazzjonijiet kontrattwali professjonali ta' bejn intkom u r-rikorrenti u l-istatement ta' transazzjonijiet relattiv, intkom mintkomx intitolati ghalih u m'ghandkomx id-dritt izzommu****"*[15].

Din il-Qorti ghalhekk tqis, li t-tip ta' azzjoni mfassla mis-socjeta' rikorrenti kienet wahda ghall-infurzar ta' obbligu kuntrattwali assunt mill-intimati, liema obbligu jirrizulta fil-kuntratt ta' bejn il-kontendenti u fit-termini u kundizzjonijiet li jiffurmaw parti integrali mill-istess.

Konsegwentement, din il-Qorti tara li l-istitut tal-*indebiti solutio* mhuwiex applikabbli ghall-kaz odjern u konsegwentement, it-terminu preskrittiv a tenur tal-artikolu 1027 tal-Kodici Civili ma japplikax.

**L-eccezzjoni preliminari a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili**

B'din l-eccezzjoni, il-konvenuti qed jghidu li t-terminu preskrittiv ta' hames snin, iddekorra. L-artikolu relattiv jghid hekk:

*L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
*(f) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġijew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;*

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, pero', l-intimati ma jghidu xejn dwar din l-eccezzjoni.

[15] Fol. 1

Fil-fatt, evidentement l-intimati rrealizzaw li din l-eccezzjoni ma setghet qatt tigi milqugha, peress li anke kieku wiehed jibda jghodd il-perjodu ta' hames snin mid-data li nhareg it-tieni hlas fid-9 ta' Settembru 2013, it-terminu ta' hames snin xorta wahda ma kienx ghadu ddekorra, la bil-prezentata tal-kawza fil-21 ta' Mejju 2018, u wisq anqas bl-ittra ufficjali ta' Dicembru 2017.

Ghalhekk, din l-eccezzjoni ma tirrizultax u ghandha wkoll tigi michuda.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad iz-zewg eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuti, u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tal-intimati.

**Moghtija illum nhar il-4 ta' Mejju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**